2016

# IL-QARĊILLA

IMMANUEL MIFSUD



## PERSUNAĠĠI

IL-KUMMENTARJU
IN-NUTAR PENZA
RANDU (L-GĦARUS)
TUMAS (L-GĦARUS)
MISSIER RANDU
OMM TUMAS
IX-XHUD MINN BURMARRAD
IX-XHUD MINN BIRKIRKARA

**IL-KUMMENTARJU:**
Merħba bikom, merħla boloh,
kemm is-sbieħ u kemm il-koroh.
Ġejna hawnhekk ħalli nassistu,
wara tnax-il xahar tinsistu,
naqra ħmieġ u pastażati
u daqsxejn karnivalati,
ngħaddu siegħa fiċ-ċuċati,
niħduh f'sormna bl-avukati –
dawk li jagħmlu skoss paprati
meta jservu ġewwa l-qrati,
basta kollhom ingravati,
ġlekkijiet kollha llamtati.
Naqbdu qabda wkoll mal-Prim...
narah biss jaqbadni l-brim!
U l-Kap tal-Oppożizzjoni...
li jqabbadni 'ndiġistjoni.
Naqbdu ftit ma' dawk perfetti
kif ukoll mal-imperfetti
għax bħal-lum nagħmlu li rridu
– il-baħnan min huwa sidu? –
F'dawn il-jiem mimlija bluha
daħqa tajba se nfittxuha:
daħqa sewwa, daħqa sura
la neħħewlna ċ-ċensura.
Ħa nibdew, ħa nibdew mela
għax ħin m'għandniex bil-ħela.
X'ġejtu tagħmlu l-Belt Valletta
barra ġirja f'Strada Stretta –
dak il-Paceville il-ġdid
fejn sirt tista' ssib li trid:
pizza, inbid u ristoranti,
kull kulur u eċitanti,
tista' ssib l-erwieħ mitlufa
u xi par saqajn mikxufa.
U jekk int ma tħobbx in-nisa
ara ma tmurx tmut bil-biża':
għandna rġiel armati sewwa –

ħarsa waħda, għafsa u ġewwa.
Hemm ukoll, jekk trid, il-pupi,
irqaq daqs lasti ta' xkupi;
jew jekk tħobb daqsxejn tal-laħam
hemm oħrajn daqs qantar xaħam.
Jew inkella tista', bħali,
tiddiletta bl-annimali:
xi tiġieġa jew xi nagħġa...
Imma għiduli din il-ħaġa:
għala bqajna naħlu l-ħin
fiċ-ċuċati, x'waħda din!
Attenzjoni! Attenzjoni!
Sentejn oħra l-elezzjoni,
imm'għalissa moħħkom hawn,
ħalli ngħid minn huma dawn:
fuq in-naħa tal-lemin –
daqsxejn mgħawweġ dal-miskin –
għandna lil dan in-nutar
bħall-oħrajn – tgħidx kemm hu ħmar -
ġie apposta bi pjaċir
għaliex qalbu tħoss għall-fqir.
Sewwa, mel'għażiża udjenza,
applaws kbir lin-Nutar Penza!
Fuq ix-xellug tistgħu taraw
b'ras daqsiex u dahar m'ogħla haw',
lis-Sur Ismu-ma-nafx-x'jismu
b'idu dejjem iħokk ġismu.
U maġenbu qed jistenna
bl-akbar ħrara biex jithenna
hemm it-tifel il-kbir tiegħu
ta' għoxrin, għadu jħuf miegħu.
Araw ftit x'par wardiet għandu.
U bilħaqq, dan jismu Randu.
Issa fuq in-naħa l-oħra,
b'geddum kbir iħaffer ħofra,
qed taraw lil dis-sinjura
illi donnha xi ċerċura.
Magħha hemm it-tifel tagħha,

mingħajr xagħar u mingħajr saħħa.
Imma kunu afu: l-pendlu
twil biżżejjed biex idendlu
ħalli meta Randu jaqbdu
...

**IN-NUTAR:**
Ilek tgħid! Qed taħli l-ħin.
Issa ħa nitkellem jien.

**IL-KUMMENTARJU:**
Kollox sew, sinjur nutar,
imma rrid nagħti l-aħbar.
Billi reġa' wasal Frar
reġa' ġie l-karnival.
Bħalm'għamilna fl-aħħar snin,
għalkemm naqra għajjenin,
se nżewġulkom koppja ġdida –
Randu Vella mill-Imsida
ma' Tumas minn qiegħ il-Gżira.
X'waħda din! Din tassew kbira!
Storja ħelwa, kollha ġmiel:
dan iż-żwieġ bejn żewġ irġiel!
Għeżież ċwieċ, ħadd ma jirvilla:
din mhi xejn għajr il-qarċilla!

**IX-XHUD MINN BIRKIRKARA:**
*(Minn wara l-kwinti)*
Emm, emm... qiegħed nisma' sew?
Tgħid wasalna biex nibdew?

**IX-XHUD MINN BURMARRAD:**
*(Minn wara l-kwinti)*
Isma', aħna għadna hawn ġew.
Faqqgħu rima biex timlew!

**IL-KUMMENTARJU:**
Afli intom se ġġennuni.
Qiskom Brad Pitt u George Clooney!
Fittxu ilbsu l-kostumi
lestejtilkom sal-peduni.
O sinjuri flok tislima,
ħa nibdew b'did-daqsxejn rima.

Mazzita mhix zalzetta,
Zalzetta mhix mazzita.
Rita mhix Ġuljetta,
Ġuljetta mhijiex Rita.

In-nanna mhix iz-zija,
Iz-zija mhix in-nanna.
Ġanna mhix Marija,
Marija mhijiex Ġanna.

Il-bieb mhuwiex it-tieqa,
It-tieqa mhix il-bieb.
Is-sriep tilgħin ma' sieqha,
ma' sieqha għandha s-sriep.

Ta' fuq ma tilbsux taħt,
Ta' taħt ma tilbsux fuq.
Tagħlaqx il-bieb li ftaħt,
Tiftaħx il-bieb magħluq.

Iċ-ċoff mhux ingravata,
l-ingravata mhix ċoff.
X'tiżżegleg l-avukata,
l-imħallef kemm isoff.

Il-bezzun mhuwiex panina,
Il-panina mhix bezzun.
Ix-xadin mar max-xadina,
Il-miġnuna mal-miġnun.

Il-basal mhux tuffieħ,
It-tuffieħ mhuwiex basal.
Is'isma' kliem ix-xiħ:
B'tal-linja qatt ma tasal.

Id-dinja mhijiex stilla,
l-istilla mhix id-dinja.
Jekk trid tara l-qarċilla
Ar'ma tmurx taqbad tal-linja!

L-istilla mhijiex qamar,
Il-qamar mhuwiex stilla.

**IN-NUTAR:**
Aħfruli se nindaħal:
Ejja nkomplu bil-qarċilla!

**IL-KUMMENTARJU:**
Id-doxxa mhijiex loki,
Il-loki mhuwiex doxxa.
Xi ħadd ikompli floki
Għaliex għadni kif rajt koxxa.

**IN-NUTAR:**
Frar elfejn u sittax.
Ħalli nara ftit nistax
li nagħmilha uffiċjali
bil-permess presidenzjali
illi nżewweġ lil dan Randu
b'li m'għandux u b'dak li għandu,
lil Tumas, ġuvni mill-Gżira,
illi għandu borża kbira.
Ħa naraw, mela, sinjuri,
qis li kollox jiġi muri
*(RANDU u TUMAS ikunu se jnizżlu l-kużakk)*
Basta nżommu ftit diċenza
ħalli ma ndejqux l-udjenza!
Qabelxejn, għax qed ninkwieta,
kif għad m'hawnx magħna x-xhieda?

**RANDU:**
Ix-xhud tiegħi Burmarradi,
dejjem tard, bil-ħin jiskadi.
Imma jiġi, jiġi żgur
għax dan raġel tal-unur.

**TUMAS:**
Nutar ħa nagħmilha ċara,
tiegħi ġej minn Birkirkara,
u nixtieqek tieħu nota
li se jiġi hawn bir-rota.

**IN-NUTAR:**
Mela dan mhux qed jgħix f'dinja?
Ma ndunax li hawn tal-linja?

**TUMAS:**
Jaf, u żgur, indubjament.
Imma dan iħobb l-ambjent.

**IN-NUTAR:**
Aħna xorta ħa nibdew;
meta jiġu jkunu ġew.

**MISSIER RANDU:**
Mela ejja ejja, bdejna.
Ilna nofstanhar li ġejna.

**IN-NUTAR:**
Mela ħalli nibdew minnek.
X'se tħallilu int 'il ibnek?

**MISSIER RANDU:**
Jien lit-tifel se ntih flett
eżatt f'nofs tal-ODZ!

**IN-NUTAR:**
Erġa' għidli sewwa x'għidt:
se ttih flett ġol-ODZ?!

**MISSIER RANDU:**
Iva hemm, fin-nofs eżatt,
biex ħdejh żgur ma jibni ħadd.

**IN-NUTAR:**
Aħjar tgħidli b'mod dirett:
fejn jinsab dan l-ODZ?

**MISSIER RANDU:**
U tgħid mhux fit-toqba t'għajn...!
Hemm, biswit ta' Wied il-Għajn,
fuq ir-riħ ta' Marsaskala.

**IL-KUMMENTARJU:**
Min jinkazza w min jixxala!

**IN-NUTAR:**
Int lit-tifel x'se tagħtih
la jiżżewweġ se tħallih?

**OMM TUMAS:**
Jien, nutar, ta' żaqqi f'fommi,
ngħid li rrid u ħadd ma jżommni.
Dad-diskors dwar l-ODZ
huwa gidba mill-kbar nett
għax hemmhekk se jibnu skola
ħalli l-bini tgħidx kemm jogħla.
Jien lil ibni se nħallilu
dan l-oġġett li se jiswielu.

**IN-NUTAR:**
Mela binti fittex għid:
lil dan ibnek int x'ħallejt?

**OMM TUMAS:**
Ar'nutar, jien m'għandix ħajta
(hekk jew hekk ili li qtajtha).
Jekk tal-ODZ mort blajtha,
jien lil ibni tajtu xtajta.

**MISSIER RANDU:**
Tajtu xtajta? Din mnejn ġibtha?
Din ix-xtajta minn fejn sibtha?

**OMM TUMAS:**
Tgħid ma mortx sibtha fix-xorti!
Mela jien naħdem il-qorti!
Lesti ruħek għax ġej xokk:
se nagħtih lil Marsaxlokk!

**IN-NUTAR:**
Tista' tgħidli x'int tiftaħar?
Trid tgħid li se ttih il-baħar?

**OMM TUMAS:**
Mhux il-baħar biss se ntih,
imma kulma jinsab fih!

**IN-NUTAR:**
Inti ħsibtni xi miġnun?
Għidli ftit kif jista' jkun.

**OMM TUMAS:**
M'hemmx misteru li trid tħoll:
afli l-baħar tagħna lkoll.
Jien lil ibni xtrajtlu biċċa
qabel ma l-baħar jispiċċa.
Aħjar tikteb fil-kuntratt
li ma jmurx jisma' xi ħadd.
Kien hemm tant li xtraw xi xatt –
ħaddimt moħħi u ħadt li lħaqt.

**IN-NUTAR:**
Mela flett fuq l-ODZ.

**MISSIER RANDU:**
Iva, iva dak li għidt.

**IN-NUTAR:**
U l-baħar ta' taħt ix-xatt.

**OMM TUMAS:**
Marsaxlokk biex tkun bl-eżatt.

**IN-NUTAR:**
Ara x'xorti ġiet missitkom
sa ma l-mewt tiġi tifridkom.
Imm'qed ngħid, fejn huma x-xhieda?
Se nitlobkom ftit taż-żieda
Li se ndumu qatt ma bsart.
Dawn il-għala daqshekk tard?

**IL-KUMMENTARJU:**
*(lill-udjenza)*
Tgħidli qalbi qed jitħaddtu,
Xmun u Joseph jiddibattu.
Jien għalikom jisgħobbija:
dik in-nanna, dik iz-zija!
Ħalli nerġgħu nixħtu rima
għax ma rridx noħroġ ta' bhima.

Għannej mhuwiex kantant,
Kantant mhuwiex għannej.
Min sar politikant
U min ma laħaq xej'.

Ix-Xlokk mhux il-Punent,
Il-Punent mhuwiex ix-Xlokk.
Min jippoppa l-parlament
u min jibqa' jsoff iz-zokk.

Iż-żegħil mhuwiex bħas-swat,
is-swat mhuwiex żegħil.
Min jitħarrek għal Muscat
u min għal Busuttil.

Il-majjal mhuwiex il-mogħża,
il-mogħża mhix majjal.
Hawn min dejjem jippoża
għat-taparsi mill-aħjar.

Trumbun mhuwiex trumbetta,
trumbetta mhix trumbun.
Dalwaqt tfaqqa' sajjetta:
il-politku rabba qrun.

Jekk tħoll m'intix se torbot,
jekk torbot m'intx se tħoll.
Kif tefgħuhulek f'sormok
u f'sormna lilna lkoll.

Id-dublett mhuwiex qalziet,
il-qalziet mhuwiex dublett.
Aħjar nofstanhar kwiet
milli l-qrid ta' fuq in-NET.

Id-dverna mhix lukanda,
lukanda mhijiex dverna.
Hemm min idoqq il-banda
u hemm min qed jiggverna.

**RANDU:**
Ar'nutar, meta ssemmih
lix-xitan lesti x'tagħtih!

**TA' BURMARRAD:**
Aħfruli ġejt naqra tard,
mort niġġoggja Burmarrad.

**IN-NUTAR:**
Qed inħossni ftit sturdut.
Int lill-Prim ġibt hawn għal xhud?
Din tassew interessanti!

**RANDU:**
Dak għax aħna importanti.

**IN-NUTAR:**
L-ieħor meta se jitfaċċa?
Jew ġabruh waqt li kien kaċċa?

**TUMAS:**
Mhux ġa għidtlek? Ġej bir-rota.
Jien għalhekk lilu nivvota!

**IN-NUTAR:**
Qed nipprova nibda nifhem.
Mhux aħjar tagħtini l-isem?

**TUMAS:**
Mhux aħjar ninsew ftit l-isem,
u nitkellmu fuq il-ġisem?

**IN-NUTAR:**
Ħsibt li għandkom kollox sewwa,
kemm ta' barra w kemm ta' ġewwa.

**RANDU:**
Kollox sewwa w kif imiss.

**TUMAS:**
Ma temminx? Jaqaw trid tmiss?

**IN-NUTAR:**
U ħalluna, ħej, dalgħodu!

**IL-KUMMENTARJU:**
Araw ftit idejh x'jirtogħdu!

**IN-NUTAR:**
Qegħdin tagħmlu eżerċizzju?

**TUMAS:**
U dażgur, bħal ħadnieh vizzju.

**RANDU:**
Iġri w ġerri, iġri w ġerri.

**TUMAS:**
Dan dalwaqt is-sinsla jherri.

**IN-NUTAR:**
Dwar id-dieta xi tgħiduli?

**RANDU:**
*(għan-nutar)*
Ara ftit kemm huwa dħuli.

**IN-NUTAR:**
Xi ftit bejken ġieli tieħu?

**TUMAS:**
Ħeqq, jekk le kif se nistrieħu?

**IN-NUTAR:**
Laħam frisk jew xi zalzett?

**TUMAS:**
U dażgur! Kuljum praċett!

**NUTAR:**
Forsi tħobbu l-pastizzi?

**TUMAS:**
Żgur li le! Aħjar ir-rizzi!

**IN-NUTAR:**
U xi ħxejjex... ħalli nara.

**RANDU:**
Zunnarija u xi ħjara.

**IN-NUTAR:**
Xi *hamburger* jew qassata?

**RANDU:**
Nippreferu l-patata.

**IN-NUTAR:**
Milli jidher m'intomx ċwieċ:
tafu sew x'inhuwa ż-żwieġ.
Mela nistgħu nħejju t-tieġ.

**OMM TUMAS:**
Lest ħi, ħa tiffirmaw?
Għaliex tgħidx kemm ilna haw'.

**IN-NUTAR:**
Imma fadal jiġi xhud
biex il-patt ikun komplut.

**IL-KUMMENTARJU:**
Ejja nqabbdu lil xi ħadd
biex jiffirma dal-kuntratt.
Hawn xi ħadd minnkom tar-ruħ,
naqra firma ħa llestuh?
Forsi ngħidu 'l dik il-mara –
għandha wiċċha qisu wara?
Jew insejħu 'l ta' maġenbha?
Diġà qbadtu jteftef denbha.
Tridux ngħidu 'l ta' quddiemha?
Jidher kwiet, qisu ħamiema.
U le – ngħidu 'l ta' warajha,
rajtu jliegħeb għal saqajha.

**IN-NUTAR:**
Fittxu agħżlu lil xi ħadd
ħalli nagħlqu dal-kuntratt.
Afli qatt ma mort imkien
u spiċċajt biex naħli ż-żmien!

**IL-KUMMENTARJU:**
Qed infittex qalb dil-folla
’mma dalwaqt taqbiżli l-molla.
Min pastizz u min figolla.
Tridx ngħidulhom jiġu kollha?

**TA’ BURMARRAD:**
Aħna ’l min qed nistennew?

**IN-NUTAR:**
Lix-xhud l-ieħor.

**TA’ BURMARRAD:**
Dan mhux sew.
Hemm xi ħadd qed jistennieni.

**TUMAS:**
Iiiiii! Hemm aħna! Arah! Ġieni!
Kont qed nibża’ li nesieni.

**TA’ BURMARRAD:**
Mela ’l Xmun qed nistennew?
Ajma jommi, issa sew!

**TA’ BIRKIRKARA:**
O, skużawni, *a bit late*.
F’nofs it-triq kont diġà għajejt.
Imma sewwa kkalkulajt –
din mhijiex ħaġa taċ-ċajt –
għeżież tiegħi ħudu nota,
lejn il-Belt ejjew bir-rota.
Isimgħuni w emmnu kliemi:
li bir-rota taslu kmieni.
Ħalli nieħdu ftit ritratt
qabel nagħlqu l-kuntratt.
Tbissem ftit, madoffi, Prim!
X’inti *spoil sport* x’waħda din!

**IX-XHUD TA' BURMARRAD:**
Ħa niġbidlek l-attenzjoni:
int tinsab fl-oppożizzjoni.
Ma nafx jekk qatt għadx tirnexxi
li xi darba tibda tmexxi.
Pu kif sibtek ma' patatti
moħħok biex tieħu r-ritratti!

**IL-KUMMENTARJU:**
U isa isa, Prim ikkalma
għax dalwaqt naqgħu fid-dalma!
Ara ħalli nerġgħu nikkalmaw:
rima oħra, ersaq 'l haw'.

Xadina mhix xadin,
Xadin mhuwiex xadina.
Iż-Żonqor ta' Sadeen
x'waħda din kif se jfottina.

L-għeruq mhumiex il-weraq,
il-weraq mhux l-għeruq.
Kull min ħataf u seraq
żgur li spiċċa mar minn fuq.

Sinjal mhuwiex bħal linja,
il-linja mhix sinjal.
Hawn kmandament f'did-dinja:
biex tirnexxi sir majjal.

Il-ħoxna mhix irqiqa,
l-irqiqa mhijiex ħoxna.
Hemm min imut bid-diqa
u hemm min dejjem jiffoxxna.

Il-fjura mhijiex pjanta,
il-pjanta mhijiex fjura.
Ma nafx kif qed tiskanta
min avvanza w min mar lura.

Il-karta mhix kartuna,
il-kartuna mhijiex karta.
Hemm min sab il-fortuna
u hemm min qala' bil-ħarta.

Il-Fgura mhix Żabbar,
Ħaż-Żabbar mhuwiex il-Fgura.
Hemm min tela' bħas-swar,
u miskin min baqa' lura.

Flixkun mhuwiex buqar,
buqar mhuwiex flixkun.
Hawn min baqa' mal-fqar,
u hawn min sar sinjurun.

Vjolin mhuwiex kitarra,
kitarra mhix vjolin.
Dalwaqt nibda niżgarra
għalxejn għandi l-qaddisin.

Min jikkrepa, min jistrieħ,
min jistrieħ u min jikkrepa.
Ħdejn il-baħar se nixtrih
x'għala biebi x'tgħid il-MEPA.

Bil-ponn u mhux bil-ħarta,
bil-ħarta mhux bil-ponn.
Il-liġi biċċa karta,
nagħmlu dejjem li hemm bżonn.

Ir-rota mhix mutur,
il-mutur mhuwiex rota.
L-ambjent m'għandux futur,
tivvota 'l min tivvota.

**IL-KUMMENTARJU:**
Hekk kif ir-ritratt inġibed
u mir-rabja kulħadd bired,
nawguraw lil din il-koppja
ferħ u kuntentizza doppja.
Nawguraw lis-sbejjaħ Randu
pulzier ieħor ma' li għandu;
kif ukoll lil dan Tumas
jalla l-ġid qabel jiqras.
Risq u barka kif mistħoqq
taħt ix-xatt ta' Marsaxlokk.
Gawdu sew dak iz-zalzett
f'dak il-flett f'nofs l-ODZ.

Tumbata mhix vulkan,
vulkan mhuwiex tumbata.
Min iserraħ mal-ħitan,
min iserraħ mal-patata.

Tursina mhix karfusa,
karfusa mhix tursina.
Min jgħabbi xi pespusa,
min jitgħaffeġ taħt xi smina.

L-għatisa mhijiex xerqa,
ix-xerqa mhix għatisa.
Hemm min moħħu fil-werqa
u min moħħu fil-pesisa.

Il-kapuljat mhux ċanga,
iċ-ċanga mhix kapuljat.
Ta' min jibbies bħal stanga,
u ta' min qisu lluppjat.

Il-goffa mhix Slimiża,
is-Slimiża mhijiex goffa.
Ibbieset il-pesisa
donnha dalwaqt se tiżbroffa.

Għax Ġob mhuwiex San Luqa
U San Luqa mhuwiex Ġob.
Imsieken ta' Ħal Luqa
minflok statwa tawhom żobb.

Nattakka w niddefendi,
niddefendi mhux nattakka.
Minn Marsalforn sax-Xlendi
inqsamt bewla u nqsamt kakka.

Il-ħassa mhix tadama
it-tadama mhijiex ħassa.
Se ttini xebgħa njama
għax ħarbitli l-akbar bassa.

Il-ħabel mhuwiex spaga,
l-ispaga mhijiex ħabel.
Jekk jiena qisni baga
dik familtek kollha qamel.

Lanġasa mhix banana,
banana mhix lanġasa.
Hawn min baqa' jismagħna
u hawn min malajr ħa nagħsa.

Għajnha mhijiex widnejha,
widnejha mhumiex għajnha.
Il-qaħba kif għajejna,
Mingħajr kukki kif spiċċajna!

**TMIEM**

HORIZONS